KUNSILL LOKALI BORMLA IL-ĦAMES KUNSILL

**MINUTI SEDUTA NRU. 02**

**IL-ĦAMIS 16 TA' LULJU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u l-Kunsilliera Raymond Balzan, John Vella, James Cauchi, Pablo Cachia Belli u Roderick Mamo.

**Il-Kunsillier** James Cauchi daħal għas-seduta fis-6.40 ta' fil-għaxija.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**02/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 01**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 01, li nżammet nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 01**.

**02/02 SKEDA TA' PAGAMENTI GĦALL-ĦLAS GĦAX- DOK 'A' XAHAR TA' APRIL – ĠUNJU 09**

**Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' Pagamenti għax-xhur ta' April, Mejju u Ġunju, li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-listi ta' pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.** Il-Kunsill unanimament approva l-Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April, Mejju u Ġunju 2009.

**02/03 SKEDA TA' PAGAMENTI MAGĦMULA GĦAX-XAHAR TA' APRIL – ĠUNJU 09 DOK 'B'**

**Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' Pagamenti magħmula għax-xhur ta' April, Mejju u Ġunju, li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-listi ta' pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.
**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.** Il-Kunsill unanimament approva l-Pagamenti magħmula għax-xahar ta' April, Mejju u Ġunju 2009.

**02/04 *ANNUAL BUDGET* 2009-2010 DOK 'C'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq mill-ġdid il-**Budget għas-Sena 2009-2010** wara li sar reviżjoni ta' l-Estimi Finanzjarji, liema dokument ttieħed bħala moqri.

'Qed jitressaq il-Budget għas-Sena 2009-2010 b'reviżjoni ta' l-Estmi Finanzjarji li tressqu għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.'

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ssekondat l-mozzjoni.

**Is-Sindku** talab lill-Aġent Segretarju sabiex ifisser dan id-dokument li qed jitressaq.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota r-reviżjoni finanzjarja li saret għal dan ir-rapport, mqabbel mar-rapport oriġinali, fejn qed ikunu miżjuda stimi ta' dħul u kif ukoll ta' infieq ieħor li ġejjin minn fondi speċjali li l-Kunsill għandu jingħata. Fisser li dan il-Budget huwa bbilanċjat, maħsub sabiex ikompli jsaħħaħ il-finanzi tal-Kunsill bil-għan li l-ħidma tinfirex u titkattar matul dan il-Kunsill il-ġdid, mingħajr ma jitnaqqas xejn mill-attenzjoni tal-Kunsill fir-responsabbilitajiet kollha li għandu, kif ukoll mill-aspetti l-oħra ta' Ambjent, dawk Soċjali u dawk Kulturali f'Bormla. L-Aġent Segretarju nnota ukoll li bl-emendi li se jidħlu fil-liġi tal-Kunsill, wara l-eżerċizzju ta' riforma, is-sena finanzjarja sejra tinbindel għal Jannar sa Diċembru, u għalhekk dan l-istess dokument irid ikun eventwalment aġġustat kif tidħol il-liġi.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ppropona li jittieħed vot fuq il-mozzjoni dwar il-Budget 2009-2010.

**Ivvutaw Favur is-seba' (7) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva r-revjoni tal-Budget Annwali 2009-2010.**

**02/05 PJAN TA' ĦIDMA 2009-2012 DOK 'D'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** għadda biex ressaq il-**Pjan ta' Ħidma 2009-2012**, liema dokument ttieħed bħala moqri.

'Qed jitressaq il-Pjan ta' Ħidma 2009-2009 li tressaq għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.'

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku** talab lill-Aġent Segretarju sabiex ifisser dan id-dokument li qed jitressaq.

**L-Aġent Segretarju Eżekuttiv** fisser li kif jitolbu r-regolamenti tħejja r-rapport Pjan ta' Ħidma 2009-2012 li fih jiġbor il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għal dawn it-tlett snin, skont il-fondi li sejjer jingħata mill-ġvern ċentrali, u r-responsabbilitajiet li għandu l-Kunsill. Il-Pjan jaħseb sabiex il-Kunsill ikompli jaħdem proġetti żgħar li jista' jlaqħħaq magħhom filwaqt li jibqa' jsir sforz sabiex ikunu akkwistati fondi oħra għal-lokalita'. Fil-pjan ta' ħidma hemm miġbur ix-xogħol mwiegħed mill-Housing Authority għas-snin li ġejjin.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ppropona li jittieħed vot fuq il-mozzjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma 2009-2009.

**Ivvutaw Favur is-seba' (7) Kunsillier preżenti. Il-Kunsill unanimament approva.**

**02/06 RAPPORT AMMINISTRATTIV 2008-2009 DOK 'E'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq id-dokument **Rapport Annwali Amministrattiv April 2008 – Marzu 2009** li kien iċċirkulat u li ttieħed bħala moqri.

Huwa fisser li skont ir-regolamenti dan id-dokument għandu jitħejja kull sena mis-Segretarju Eżekuttiv, fejn tinġabar analiżi dettaljata tal-ħidma kollha tal-Kunsill għas-sena finanzjarja li tkun għaddiet.

**L-Aġent Segretarju Eżekuttiv** fisser kif dan ir-rapport jiġbor fid-dettal il-ħidma kollha li twettqet f'dawn l-aħħar tnax-il xahar mill-Kunsill u fih jagħti spjega fil-qosor fhiex tikkonsisti din il-ħidma tal-Kunsill u x'jista' jsir għal-lokalita'.

Is-Sindku Joseph Scerri ppropona l-approvazzjoni ta' dan id-dokument.
**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ssekondat.

**Ivvutaw Favur Sitt (6) Kunsillier,** Ħadd (0) ma vvota kontra u **kien hemm Astensjoni waħda (1)**.

**Il-Kunsill approva** dan ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2008-2009.

**02/07 INFORMAZZJONI**

**Is-Sindku Joseph Scerri** nforma lill-Kunsill dwar kuntatt li rnexxielu jagħmel mas-sur Martin Bugelli, Direttur Ġenerali ta' l-Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika dwar attivita' li hemm il-ħsieb li tittella' dwar il-Kotba għal-Libreriji, u l-*launching* ta' din l-attivita' qed ikun propost li jsir ġewwa Bormla, jew quddiem l-Iskola jew inkella fil-Ġnien Sta. Margerita. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva li tkun ta' ġid għall-istess Kunsill Bormla.

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill stqarrija maħruġa f'isem il-Kunsill dwar l-inċident tat-traffiku li seħħ fejn fi Triq l-Inkurunazzjoni fejn ittajjar raġel dak inhar. Fl-istqarrija sar enfażi li l-Kunsill ilu jitlob sabiex ikun hemm zebra crossing, jew Pelican Lights f'dik it-triq. **DOK 'F'**

**Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li għamel kuntatt mas-sur Herman Galea, fil-Ministeru tal-Onor. George Pullicino dwar Ġnien Kottonera u l-possibilta' li dan il-ġnien jgħaddi f'idejn il-Kunsill.

**02/08 MOZZJONI NRU. 03/2009 (VI) - ARBLU FI TRIQ IT-8 TA' DIĊEMBRU**

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ressaq il-mozzjoni 03/2009 (VI) dwar Arblu fi Triq it-8 ta' Diċembu.

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla permezz tas-Sotto kumitat Saħħa, Sports u Għaqdiet, jaghmel mill-gdid l-arblu tal-Kunsill, fi Triq it-8 ta' Dicembru, ghall-prezz ta' Euro 700 skont l-istima li qed tigi mehmuza ma' din l-mozzjoni."

Sar qbil li l-mozzjoni numru 03/2009 (IV) dwar twaqqif ta' Arblu titħalla għal seduta oħra sabiex il-Kunsill jilħaq jiġbor aktar informazzjoni mill-perit tal-Kunsill kif ukoll kwotazzjonijiet oħra.

**02/09 MOZZJONI NRU. 04/2009 (VI) – BRING-IN SITE FI TRIQ IL-MITĦNA**

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** ressaq il-mozzjoni 04/2009 (VI) dwar il-Bring-in site li hemm fi Triq il-Mitħna.

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla permezz tas-Sotto Kumitat Maniġġjar tat-Toroq u Buon Ordni, li l-Kunsill jaqbel sabiex il-Bring-In Site jew titressaq mill-post fejn tinsab jew jinstab post addadat mill-post preżenti fejn jinstabu, u jigi l-post irrangat skont kif kien originali, jiġifieri trunċiera nadifa u Buona Vista."

**Sar qbil** li din il-mozzjoni numru 04/2009 (IV) titħalla għal seduta oħra sabiex din il-proposta tiġi mistħarrġa sew, fejn jistgħu jitpoġġew dawn il-bring-in sites.

**02/10 MOZZJONI NRU. 05/2009 (VI) – TUMBATI FI TRIQ JOHN PACE**

**Il-Kunsillier James Cauchi** ressaq il-mozzjoni numru 05/2009 (V) dwar it-tumbati kontra l-eċċess ta' veloċita' fi Triq John Pace.

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla permezz tas-Sotto-Kumitat konċernat, jikkonsidra jibdel it-tumbati msemmija f`oħrajn magħmulin iktar wesgħin sabiex jiġi evitat il-ħoss li tagħmel vettura fil-ħemda tal-lejl meta tieħu l-iskoss magħhom."

**Il-Kunsillier James Cauchi** fisser li bil-lejl dawn it-tumbati tal-lastiku qed joħolqu wisq storbju li qed idejjaq lir-residenti, u għalhekk qed jipproponi li dawn jinbidlu u jinbnew mill-ġdid, aktar wesgħin sabiex il-ħoss jiġi evitat.

**Is-Sindku** filwaqt li ssekonda l-mozzjoni ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 05/2009 (IV) dwar it-tumbati kontra l-eċċess ta veloċita' fi Triq John Pace.

**02/11 MOZZJONI NRU. 06/2009 (VI) – DAWL GDID FIT-TUNNEL TA' TRIQ DAĦLET IT-TLIET IBLIET**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-mozzjoni numru 06/2009 (V) dwar installazzjoni mill-gdid ta' dawl fit-tunnel ta' Triq Daħlet it-Tliet iBliet.

"Nipproponi l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-installazzjoni mill-ġdid ta' sistema ta' dawl fil-mina ta' Triq Daħlet it-Tliet iBliet għall-prezz ta' Euro 2,323.50 skont l-istima hawn mehmuza tal-kuntrattur ta' l-Istreetlighting, Nexos Street Lighting Ltd."

**Il-Kunsillier James Cauchi** ssekonda l-mozzjoni.
Is-Sindku fisser li s-sistema preżenti ġarrbet ħsarat konsiderevoli u għalhekk it-tunnel bħal issa jinsab bla dawl. Għalhekk kien qed jipproponi li jsir dan ix-xogħol, u jintalbu l-flus għalih permezz tal-Urban Improvemtent Fund.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 06/2009 (V) dwar installazzjoni mill-gdid ta' dawl fit-tunnel ta' Triq Daħlet it-Tliet iBliet.

**02/12 MOZZJONI NRU. 07/2009 (VI) – TROPHIES LIS-ST. GEORGE'S NURSERY**

**Is-Sindku** ressaq il-mozzjoni numru 06/2009 (V) dwar xiri ta' Trophies lis-St George's Nursery.

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla permezz tas-Sotto Kumitat Saħħa, Sports u Għaqdiet, bħala parti mill-edukazzjoni sportiva u għajnuna lil waħda mill-għaqdiet lokali, jgħati it-trophies lil St. George's Nursery bħala premju għas-Summer League li ġie propju fi tmiemu illum 16 ta' Lulju 2009. L-ispiża għal dawn it-trophies huwa ta' mitt euro"

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda l-mozzjoni.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 07/2009 (V) dwar xiri ta' Trophies lis-St George's Nursery.

**02/13 KORRISPONDENZA DOK 'G1-14'**

**02/13/01 Memo 42/2009 – Skema dwar Inizzjattivi ta' Attivitajiet 2010.**

**Is-Sindku** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Memo 42/2009 Skema dwar Inizzjattivi ta' Attivitajiet 2010, flimkien ma' Linji Gwida u Formola tal-Applikazzjoni. Huwa ħeġġeġ sabiex il-Kunsill japplika f'din l-iskema u joħloq attivita' bl-involviment ta' l-għaqdiet lokali. Għal dan il-għan il-Kunsillier John Vella kien inkariġat sabiex jaħdem dan il-proġett.

**02/13/02 Memo 26/2009 – Kuntratt Ġdid dwar Ġbir ta' Skart Organiku.**

**Is-Segretraju Eżekuttiv** spjega li l-Kunsill irċieva kopja tat-tender l-ġdid dwar Ġbir ta' Skart Organiku li irid ikun mistħarreġ sew mill-Kunsill, għaliex f'qasir żmien trid issir is-sejħa. Fisser ukoll li wara numru ta' interventi mad-Dipartiment tal-Gven Lokali kien maqbul li għalissa dan it-tender ma jinħariġx qabel ma jsiru laqgħat ta' kjarifikazzjoni dwar l-istess dokument.

**02/13/03 Memo 28/2009 – Skemi dwar Enterprise Award u Green Challenge Award, Guidelines, u formola tal-applikazzjoni.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ressaq għall attenzjoni tal-Kunsill dawn id-dokumenti, u fisser li l-Kunsill ma applikax għal dawn l-iskemi minħabba li ma sar l-ebda xogħol li jikkwalifika għal dawn l-iskemi. Ħeġġeġ sabiex il-Kunsill jagħmel ħiltu sabiex 'l quddiem japplika fi skemi oħra li se jitħabbru.

**02/13/04 Memo 25/2009 – Applikazzjoni għal Fondi Speċjali**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** informa lill-Kunsill li kient tressqet applikazzjoni f'din l-iskema għall-Fondi Speċjali sabiex il-Kunsill jingħata fondi sabiex il-Kunsill ikun aċċessibli għall-persuni b'diżabilita, fondi sabiex isir intervent ta' restawr fuq pavimentar taż-żonqor f'għadd ta' toroq medjevali f'Bormla bħal Triq Matty Grima u fondi sabiex issir kampanja ta' tindif akkumpanja minn kampanja ta' edukazzjoni għall-istess għan.

**02/13/05** **Korrispondenza minn residenti ta' Verdala Barracks** b'talba sabiex il-bjut ma jibqgħux aċċessibbli għal kulħadd imma dan ikun ristrett għar-residenti biss. Il-Kunsill qabel li jinvestiga x'jista' jsir sabiex din it-talba tkun milqugħa.

**02/13/06** **Korrispondenza minn residenti ta' Verdala Barracks** b'talba sabiex il-Kunsill jikkunsidra twaqqif ta' bandli f'dik iż-żona sabiex it-tfal ikollhom fejn jirrikrejaw rwiehom. Kien maqbul li din il-proposta titressaq lill-Perit sabiex jinforma lill-Kunsill dwar il-possibiltajiet li jsiru u jitħejja pjan, kif ukoll il-Kunsill jibda jaħdem sabiex jinstabu *sponsorships* għal dawn il-bandli.

**02/13/07** **Laqgħa organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar Opportunita' dwar Wi-fi Services.**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** ta' dettalji dwar il-laqgħa li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien mal-Malta Communications Authority għamlu fejn ingħata tagħrif dwar l-opportunita li qed tingħata sabiex il-Kunsilli Lokali joffru wi-fi broadband service fil-lokalita', sabiex titnaqqas il-qasma diġitali. Dan jista' jsir minn postijiet pubbliċi. Għal din il-laqgħa attenda is-sur Brian Loffreda.

**02/13/08** Tressqet talba mill-Fondazzjoni Bormliża għall-persuni b'diżabilita' għal xiri ta' kompjuter ġdid sabiex jingħata lezzjonijiet bażiċi lil persuni bi bżonnijiet speċjali.

**02/13/09** Korrispondenza mill-Fondazzjoni Bormliża għall-persuni b'diżabilita' dwar talba għall-ħlas ta' trasport għall-attivita' f'għawdex għal-persuni b'diżabilita'. Il-Kunsillier James Cauchi ppropona li l-Kunsill ikompli jagħti s-servizz ta' private ta' darba fix-xahar. Is-Sindku ssekonda u l-Kunsill unanimament approva.

**02/13/10** Korrispondenza mill-Malta Environment and Planning Authority dwar il-fondi Environment Initiatives in Partnership Programme (EIPP) u l-Urban Improvement Fund. Il-Kunsilliera kien imħeġġa sabiex jagħmlu użu minn dawn il-fondi billi jressqu proġetti għalihom.

**02/13/11** Korrispondenza minn Dr. Stefan Buontempo tal-Partit Laburista dwar il-proċess ta' tiġdid tal-Kunsilli Lokali, u kummenti tal-Kunsill dwar id-dokument "Biex il-Kunsill jagħtik l-aqwa servizz"

**02/13/12** Talba mir-residenti ta' Triq Marjanu Gerada sabiex jitpoġġew qsari fit-triq. Il-kunsill qabel li jitkomplew jiġu msebbħa toroq bi qsari kemm-il darba jinsabu residenti li jieħdu ħsieb l-istess qsari, kif sar f'toroq oħra.

**02/13/13** Korrispondenza mill-Patrijiet Dumnikani fejn qed iressqu talba għal bank ta' ġonna li ma jintużax aktar.

**02/13/14** Memo 27/2009 – Ħinijiet tal-laqgħat tal-Kunsill.

**02/13/15** Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-korrispondenza kollha bejn lil-Kungress u l-Assoċjazzjoni dwar l-Abbozz ta' Liġi sabiex jemendaw il-liġi tal-Kunsilli Lokali.

**02/14** **AFFARIJIET OĦRA**

**02/14/01** **Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ressaq talba dwar twaqqif ta'

Volleyball team li għandhom bżonn spazju fejn jiltaqgħu għat-training. Sar qbil li jista' jintuża l-ground ta' l-iskola. Ressaq ukoll Rapport dwar it-twaqqif tat-team tal-VolleyBall**.** **DOK 'K1'**

**02/14/02** **Tliet Kotba fuq il-Kottonera –** Qbil li jinxtraw tliet kotba għal-librerija

**02/14/03** **Is-Sindku** ppropona li jitwaqqaf Budget għas-Sotto-kumitati għall-ħidma tagħhom permezz ta' l-attivitajiet, ta' euro 1150 għal kull sottokumitat. Il-Kunsillier James Cauchi ssekonda u l-Kunsill unanimament approva.

**02/14/04** **Laqgħa mal-Meusac –** Is-Sindku, flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillier John Vella attendew għal-laqgħa mal-Meusac fejn dawn kienu sorpriżi mmens bix-xogħol li sar mill-Kunsill ta' Bormla bi proġetti ta' l-EU, u baqgħu impressjonati bil-ħidam li saret. Fil-laqgħa kienu diskussi possibilitajiet ta' proġetti fl-EU li l-Kunsill jista' jieħu sehem fihom.

**02/14/05** **Il-Kunsillier John Vella** ressaq rapport ta' żewġ laqgħat li attenda f'isem il-Kunsill, laqgħa dwar il–Heritage u l-oħra dwar il-Kurazija. Hu kellu diskussjoni ma' Dr. Simon Mercieca dwar il-Knisja ta' taħt l-art, li hemm entitajitet li lesti jieħdu ħsieb ta' din il-Kappella, b'ċentru amministrattiv tal-management li beħsiebhom iwaqqfu huma, permezz ta' fondazzjoni li topera minn ġo Bormla. Huwa fisser li sejra titkompla din id-diskussjoni dwar dan il-proġett. **DOK 'K2'**

**Il-Kunsillier John Vella** fisser li kellu laqgħa ma' Tarcision Bonnici tad-Domus u l-Grupp taż-żgħażagħ dwar it-tkomplija fuq il-Website u advertising oħra.

Huwa ressaq ukoll għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Proġramm ta' Ubract – koperazzjoni territorjali li jista' jkun ta' interess għall-Kunsill. **DOK 'K3'**

Fl-aħħarnett ressaq lista ta' ismijiet ta' persuni li se jkunu nnominati fis-seduta li jmiss, bħala membri fis-sotto-kumitat Kultura, Turiżmu, Wirt Storiku u Relazzjonijiet Internazzjonali. **DOK 'K4'**

**02/14/06** **Il-Kunsillier James Cauchi** ressaq abbozz ta' programm ta' ħidma tas-Sotto-Kumitat Ħarsien Soċjali u Persuni b'Diżabilita', bil-ħsieb u l-kunċett li bih sejjer jitħaddem. Huwa fisser li minbarra illi s-sotto-kumitat kien se jopera bl-idejat tiegħu, kien sejjer joħloq l-involviment ta' numru ta' persuni b'esperjenza fuq livell ta' konsulenza. F'seduti oħrajn li jmiss se jitressqu l-listi tal-persuni proposti għas-sotto-kumitat Ħarsien Soċjali u Persuni b'Diżabilita' għall-approvazzjoni . **DOK 'K5'**

Huwa ħeġġeġ sabiex il-Kunsill jaħdem ukoll sabiex jinstab twinning, li għandu jkun fuq postijiet b'xejra simili għall-Bormla u ssuġġerixxa bħal postijiet li huma viċin lejn Malta fil-Mediterran.

**02/14/07** **Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ressaq in-nominazzjonijiet tal-membri tas-Sotto-Kumitat Sports, Saħħa u Għaqdiet sabiex ikunu approvati fis-seduta li jmiss. **DOK 'K6'**

**02/14/08** **Il-Kunsillie Roderick Mamo** ressaq in-nominazzjonijiet tal-membri tas-Sotto-kumitat Żgħażagħ u tas-Sotto-Kumitat Anzjani sabiex jitressqu għall-approvazzjoni fis-seduta li jmiss. **DOK 'K7'**

Is-Seduta ntemmet fis-9.15 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 3 ta' Settembru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |